# Maestro Ġużeppi Abdilla (6.12.1871 – 11.4.1941)

Ġużeppi Abdilla, kompożitur mill-Furjana, huwa wieħed mill-aqwa kuntrappuntisti mużikali li qatt dehru f'Malta. Huwa twieled fis-6 ta' Diċembru 1871 u kien iben Karlu Abdilla u Marjanna Borg. Huwa kien mgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' San Publiju mill-Viċi-Parroku Dun Baskal Buhagiar u ngħata l-ismijiet ta' 'Josephus, Nicholaus, Ambrosius, Antonius, Publius'.

Huwa kien il-ħames fost tmien twelidijiet. It-twelid tiegħu ma kienx insinwat fir-Reġistru Pubbliku. Il-ġenituri tiegħu kienu ngħaqdu fiż-żwieġ fl-1862. Missieru Karlu kien nisel il-familja ta' Stefano (iben Andrea u Imperja) u Giovanella Xerri li kienu żżewġu fl-Imdina fl-1624.

Profil ta' Ġużeppi kien ippubblikat minn Robbie Mifsud Bonnici l-ewwel fil-ktieb tiegħu 'Mużiċisti Kompożituri' (1951) u mbagħad fil-volum 'Bio-Biografija Nazzjonali' (1960) fejn Ġużeppi jissemma li kien twieled fl-1886 u li kien miet fl-1944, u kittieba li ġew wara, sew professjonali sew dilettanti, imxew fuq l-istess Mifsud Bonnici kważi kelma b'kelma. Ġużeppi Abdilla ieħor, it-tifel ta' Pawla, kien twieled fil-Furjana fl-1886, ħadem bħala naġġar, u kien miet fl-1945.

Ġużeppi Abdilla l-kompożitur, magħruf ukoll bħala Ġużè, kellu ħuh Anġlu li kien għalliem tal-pjanu kif ukoll oħtu Elena li żżewġet lis-Surmast Rikkardu Bugeja u għalhekk kien iz-ziju ta' Vincenzo jew aħjar Ċensinu Bugeja li kien l-aħħar membru tal-Kappella Bugeja fi ħdan il-knisja arċipretali tal-Portu Salvu jew ta' San Duminku fil-belt Valletta. Ġużeppi kien ta' ftit skola akkademika u letterarja, iżda huwa kellu talent mużikali u artistiku bi rfus.

Ġużeppi tħarreġ fil-mużika ma' wħud mill-aqwa Surmastrijiet Maltin fosthom Maestro Paolino Vassallo. Ġużeppi wera sa mill-bidu tal-istudji tiegħu intelliġenza straordinarja fit-tħaddim tal-kuntrapunt u fil-mod li bih huwa kien jikkombina kuntrasti mużikali bi stili pjaċevoli u b'ritmi effettivi.

Ġużeppi kiteb waħda mill-isbaħ kompożizzjonijiet tat-Tantum Ergo, in Fa Minore, għal tenur, orkestra, kor ta' tliet vuċijiet tat-tfal. Huwa dderieġa x-xogħol tiegħu tabilħaqq melodjuż fl-okkażjoni tal-Vespri Solenni fil-knisja parrokkjali ta' San Publju nhar il-festa tal-Patrijarka San Ġużepp fl-1906.

Ġużeppi kien bla dubju ta' xejn mibgħut minn Alla biex id-dinastija mużikali ta' Bugeja setgħet tissokta. Ġużeppi kellu 39 sena fil-waqt li Maestro Rikkardu Bugeja kellu 66 sena meta oħtu u dan tal-aħħar kellhom lil Ċensinu. L-ewwel nett, huwa beda fi żmien qarib jieħu ħsieb it-tagħlim tan-neputi tiegħu Ċensinu, irawmu fl-arti tal-mużika, jgħinu fil-kompożizzjoni kif ukoll jippreparah biex jieħu f'idejh il-Kappella Bugeja.

It-tieni nett, Ġużeppi kellu jkun ir-reffied tal-konservazzjoni tal-Kappella Bugeja sakemm laħaq Ċensinu wara li saħħet Maestro Rikkardu kienet bdiet tmur lura. Ġużeppi mexxa l-Kappella Bugeja sakemm in-neputi Ċensinu temm l-istudji tiegħu li huwa kompla f'Ruma fl-1934.

Huwa rranġa f'moviment wieħed id-Dixit Dominus ta' Maestro Rikkardu u għamlu jaqbel mar-riformi tal-mużika sagra skont il-Motu Proprio tal-Papa Piju X tat-22 ta' Novembru 1903.

It-tielet, Ġużeppi beda jidderieġi l-baned fil-bliet u l-irħula ta' Malta minflok Maestro Rikkardu meta dan marad u rtira. Ġużeppi kien l-uniku mużikant li l-Qriema aċċettaw bħala s-sostitut ta' ħatnu meta dan tal-aħħar ma setax jattendi għad-daqq u għall-kant liturġiċi fil-festa ta' San Ġorġ fit-23 ta' April 1918.

Ġużeppi kien wieħed mill-membri eletti biex jiffurmaw parti mill-Camera Degli Autori e Compositori di Musica Maltese fis-16 ta' Diċembru 1923. Ġużeppi tfaħħar bil-bosta minn Ulderico Rolandi li semma bi prominenza s-suċċess ta' Ġużeppi meta xogħol sinfoniku tiegħu kiseb it-tieni premju fil-kompetizzjoni internazzjonali li kienet organizzata mis-Società Santa Cecilia ta' Bolonja, l-Italja.

Ġużeppi Abdilla daħal membru fis-Soċjetà tad-Duttrina Kristjana ta' Malta meta kellu qrib il-50 sena. Huwa kien inkorporat fil-25 ta' Diċembru 1929 u kien għalliem tal-katekiżmu.

Huwa kien reliġjuż, raġel timidu, ta' ftit kliem u qalbu tajba ferm. Huwa kien marbut mir-regoli tal-ubbidjenza u l-umiltà li kien impona Dun (illum San) Ġorġ Preca u ried iżomm 'il bogħod mill-fama.

Huwa ma setax, ġaladarba soċju tal-MUSEUM, jikteb ismu fuq il-partituri tiegħu għalkemm kull min kien jafu kien jagħraf tajjeb il-kompożizzjonijiet tiegħu. Huwa ħalla warajh xogħlijiet mingħajr firma jew inkella bil-firma ta' ħaddieħor l-iktar tan-neputi tiegħu Ċensinu.

Pereżempju, Ġużeppi xandar il-kompożizzjoni tiegħu bl-isem Preludio Sinfonico Amor Patriæ billi ffirma l-ispartiti kollha iżda neputih Ċensinu biddillu isimha għal Glory to Malta u ħassarlu ismu mill-partitura tiegħu ta' Direttur Mużikali, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju Pawlin fl-1960.



MAESTRO Ġ. ABDILLA (Prof. Magion ©)

Ġużeppi kien għalliem tas-sistema tal-kuntrapunt u tal-armonija u fost l-istudenti kellu wkoll uħud li kisbu isem bħala Surmastrijiet tal-Banda u Kompożituri fosthom Ninu Azzopardi, Wistin Camilleri, Giuseppe Camilleri kif ukoll Lorenzo Galea.

Ġużeppi għex għal ħafna żmien f'37 Pjazza Fosos, iżda dan l-aħħar kellu r-residenza tiegħu f'50 Triq il-Konservatorju, ir-Rabat, Victoria, Għawdex. Huwa ddeċieda li jitla' Għawdex biex jaħrab mill-bumbardamenti fuq l-inħawi tal-Port il-Kbir matul it-Tieni Gwerra Dinjija u miet fir-Rabat, Victoria, fil-11 ta' April 1941. Huwa indifen fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija fix-Xewkija, Għawdex.

*Biblijografija:*

*Arkivju Knisja Arċipretali, il-Furjana, Magħmudijiet, Vol.3, 1867-1876, paġna 195, entry 296, 7.12.1871; 'Tifhir Lill Min Hakku', Malta Taghna, 1,013, is-Sibt 4.8.1906, 2; Malta Tagħna (20.iv.1918); Ktieb ta' l-Inkorporazzjonijiet [tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija], Vol.I, No.666, mhux paġinat, Arkivju MUSEUM, Blata l-Bajda; Ulderico Rolandi, 'Musica e Musicisti in Malta (Saggio Di Ricerche e Di Appunti Storici) Con Illustrazioni fuori testo' – Edizioni dell' Archivio Storico di Malta (Tipografia Raffaello Giusti, Livorno, 1932), kapitlu. IV; Reġistru Pubbliku Għawdex (PRG), Imwiet, Progressive No.180/1941; Avviżi Ċirkolari Segretarju Ġenerali, MUSEUM 13.4.1941; Robbie Mifsud Bonnici*, Musiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin Tal-Bieraħ u Tal-Lum (1951) u Dizzjunarju Bio-Bijografiku Nazzjonali (DBBN) (1960); Librerija tal-Università ta' Malta, Archives and Rare Books Section, Harry Benjamin Formosa, Dictionary of Maltese National Biographies including foreigners connected with Malta or who died in and are buried in Malta (1962), Ms 262/5; Albert Storace f'Michael Schiavone, Maltese Biographies of the Twentieth Century (1997). paġna 1; Joseph Vella Bondin, Il-Mużika ta'Malta Fis-Sekli Dsatax u Għoxrin (2000), paġna 106 u The Great Maltese Composers. Historical Context, Lives and Works (2016), paġni 348-349 u 590. Ġużeppi Abdilla skont dawn il-kittieba, wieħed wara l-ieħor fuq medda ta' sittin sena, twieled fl-1886 u miet fl-1944. Ħajr lil Toninu Debattista, il-Furjana, 20.10.2006 u 28.11.2006, kif ukoll lil Maestro di Cappella Reverendu Salv Galea, tas-Sliema, 1.8.2007, 28.9.2007, 5.10.2007 u 29.10.2007.*